**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Ryan M. Vella]**

**vs**

**Amanadi Al Barhumi**

**Kumpilazzjoni Numru: 486/2020**

**Illum, 14 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Amanadi Al Barhumi detentur tal-passaport Grieg bin-numru AA6112168 akkuzat talli:

Nhar is-17 ta' Settembru 2020 u fil-jiem ta' qabel, gewwa San Pawl il-Bahar u jew f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

1. Gewwa ir-residenza 52, J B Flat 14, Triq is-Sajjied San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' haddiehor, u cioe hebb kemm fizikament u kif ukoll permezz ta' oggett iebes u bi strument li jaqta' jew iniggez lil bintu Yamamah Al Barhumi li kkagunalha griehi ta' natura serja hekk kif iccertifikata minn Dr. Julian Grima, detentur tan-numru tar-registru mediku 3589 mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta bi ksur tal-Artikoli 214, 216(1)(b), 217 u 218(1)(b), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil bintu Yamamah Al Barhumi ngurji u/jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurjajt b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna repetutament lil bintu Yamamah Al Barhumi l-biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjetà taghha bi ksur tal-Artikoli 251B(1), 251H(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi minghajr is-setgha skont il-ligi ta' awtorità kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti s-setgha l-privat li jarresta l-hati, zamm,

arresta jew issekwestra lil bintu Yamamah Al Barhumi kontra l-volontà taghha u dan sabiex ma tmurx l-Ghassa tirraporta. Dan bi ksur tal-Art. 87(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Akkuzat ukoll talli fil-15 ta' Settembru 2020 ghal habta ta' 19:30hrs gewwa r-residenza 52, J B Flat 14, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Yamamah Al Barhumi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra. Dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(b), 269(g) u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' Yamamah Al Barhumi.

Din il-Qorti giet mitluba tittratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kapitlu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

1) Fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-artikoli 339(1)(e), 339(2), 341, 7(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Fl-artikoli 251(1)(2)(3), 251B(1), 251H(a)(b)(g)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Fl-artikoli 86, 87(1)(c)(g)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) Fl-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(b), 280(1), 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) Fl-artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2021 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza titkompla tinstema' minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat swat, bl-uzu ta' sikkina, fejn l-imputat huwa l-missier u l-vittma hija bintu.

Illi xehdet il-parte civile **Yamamah Al Barhumi** fejn qalet li marret taghmel rapport ghaliex missierha beda jheddida b'sikkina u dan sabiex hija tizzewweg ragel ta' 80 sena. Ziedet li hija ghandha 18-il sena. Qalet li kienet tghix m'ommha l-Grecja u giet Malta peress li missierha qalilhom li kien marid; hija giet biex tarah izda ma kellhiex ideja b'dak li missierha kien ser jaghmillha. Spjegat li wara ghamlet

tlett ijiem go lukanda marret tghix fil-post ta' missierha gewwa Bugibba fejn spicca gibdilha xagharha u sawwatha b'idejh. Hija kellha tbengil f'daharha u taht il-kustilji. L-ahhar darba li sawwatha kien dakinhar li harbet u marret taghmel rapport l-ghassa. Dakinhar missierha qabad sikkina biex itiha u hija mbuttatu sew u bdiet tghajjat u harbet lejn l-ghassa. Skont il-vittma s-sikkina li uza l-imputat kien ta' circa 30cm u kienet sikkina li ssib fil-kcina. Hija ghamlet *sketch* tas-sikkina li giet immarkata bhala Dok. YB1. Gie esebit ukoll certifikat mediku tal-vittma (DOk. YB2) fejn hija spjegat li t-tbengila saret billi taha daqqa bil-pum tas-sikkina. L-argument beda billi missierha qalilha li ha jzewwigha lil wiehed sinjur Libjan u ghal dan kien ser jircievi l-flus. Meta hija bdiet tirrabja u tghid li ma tridx tizzewweg missierha taha daqqa bis-sikkina. Dak il-hin gibidha minn xagharha u bis-sikkina f'idu qalilha 'jew tizzewweg jew qisni noqtlok'. Dan gara fl-1 ta' Settembru. Kulma kienet taf li dan ir-ragel

kien Libjan u li kellu 80 sena pero` qatt ma kienet ratu. Qalet li bid-daqqa kellha hafna demm u missierha gab wiehed Sirjan id-dar biex jaghmlilha l-punti.

Ziedet tghid li waqt li kienet l-ghassa taghmel rapport missierha mar hemmhekk u beda jghajjat fejn qalilha li jekk tghid affarijiet kontrih ser joqtolha. Qalet li kienet imwerwra dak il-hin. Fuq il-pendana tax-xhieda qalet li hija tahfer lil missierha bil-kundizzjoni li jtiha flus biex taqta' biljett biex tmur lura ghal hajjitha ghaliex huwa kien hadilha madwar €3,000 li kienet gabet maghha mill-Grecja. Dawn il-flus kienu fil-*handbag* taghha u darba minnhom waqt li kienet rieqda semghet lill-imputat jidhol fil-kamra taghha inkiss inkiss, fetah il-*handbag* u hadhomlha. Meta staqsietu ghalfejn hadhomlha, missierha gibidha minn xagharha u taha daqqa u hareg mill-kamra. Dan gara fil-15 ta' Settembru.

Inkontroezami l-vittma qalet li jekk l-imputat itiha hames mitt ewro u karta bil-miktub mill-Qorti li ommha ghandha l-kustodja tat-tfal kollha qalet li din l-istorja tieqaf hawn. Wara regghet qalet li jekk itiha hames mitt ewro u jiffirma li ma jistax jaghmillha l-hsara u jheddidha sakemm tohrog minn Malta hija tkun kuntenta. Hija gharfet lill-imputat bhala missierha.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2020 l-imputat iddikjara li huwa ta lill-vittma hames mitt ewro u hija fil-fatt ser titlaq minn Malta.

Xehed it-**tabib Dr. Julian Grima** li kkonferma c-certifikat irrilaxxat minnu fis-17 ta' Settembru (Dok. YB2) fejn qal li ezamina l-vittma u kklassifika l-griehi bhala gravi peress li kellha farrett ma' wiccha.

Xehed l-**Ispettur Ryan Vella** li esebixxa *risk assessment report* li gie mmarkat bhala Dok. RV3. Huwa kkonferma li waqt li l-vittma kienet l-ghassa l-imputat dahal gol-ghassa b'mod aggressiv. L-Ispettur esebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat (Dok. RV4) fejn jidher li l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi tal-pulizija.

Xehed **PS409 Antoine Buttigieg** fejn qal li waqt li l-vittma kienet qed taghmel *risk assessment report* l-imputat dahal fl-ghassa u beda jipponta u jigri lejn bintu. Il-pulizija pero` fil-pront hadu lill-vittma f'kamra ohra. Qal li l-vittma tant kienet qed tibza' li spiccat telghet it-tarag tal-Ghassa tigri. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

Xehed **PC979 Daniel Moore** li esebixxa l-PIRS rapport li huwa hejja li gie mmarkat bhala Dok. DM1.

Xehdet **Maria Vassallo** mill-Appogg fejn qalet li ghamel *risk assessment* tal-vittma fejn ir-rizultat kien gie *high risk.* Hija kkonfermat il-firma taghha fuq Dok. RV3.

Xehdet **Carol Ellul** mill-Appogg li wkoll qalet li r-rizultat tal-*assessment* kien wiehed gholi. Ziedet li waqt li kienu l-ghassa kien dahal missier il-vittma. Hija gharfet lill-imputat fl-awla bhala missier il-vittma.

Xehed **l-imputat Amanadi Al Barhumi** li qal li bintu kienet fil-liberta` kollha. Hija kellha cavetta tal-post tieghu u hija kienet tohrog meta trid anki waqt li huwa kien ikun xoghol. Qal li kienet fuq it-telefon m'ommha u x'hin dahal hdejha f'daqqa wahda qabdet miexja 'l barra mill-appartament. Huwa kien sema' lil martu tghid lil bintha biex tmur l-ghassa u tirrapporta lil missierha. Huwa nnega li hadilha xi

flus. Ghall-kuntrarju qal li huwa jahdem u jibghat flus lil hutha l-Grecja. Dwar il-griehi qal li bintu ghamlithom il-Grecja u mhux Malta, fil-fatt meta waslet kien staqsieha x'ghamlet fuq wiccha qaltlu li waqghet fuq is-sellum waqt li kienet qed tonxor. Huwa qal bil-gurament li huwa qatt ma mess lil bintu. Qal li hija kienet tinbidel wara li titkellem m'ommha fuq it-telefon. Qal ukoll li bintu giet minghajr flus Malta u qatt ma seta' jiehu flus minghandha. Meta mar l-ghassa qal li staqsa lil bintu ghalfejn qed taghmillu hekk. Dwar dak kollu li qalet bintu l-imputat qal li dak kien kollu diskors ta' martu, u cioe` omm il-vittma.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tal-atti processwali u tax-xhieda mressqa, kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza, johrog car kunflitt fl-assjem tal-provi li jinsabu fl-atti odjerni.

Illi min-naha wahda, u cioe` da parti tal-Prosekuzzjoni, giet imressqa l-parte civile li tat verzjoni wahda. Min-naha tad-difiza, xehed l-imputat stess li ta verzjoni kompletament differenti u kontrastanti ghal dik tal-vittma.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' xhud li seta' forsi jikkorrobora dak li qalet il-vittma, jew almenu jixhet ftit dawl fuq il-veracita` o meno tal-verzjoni tal-vittma, bhal per ezempju xi espert mediku. Lanqas ma ghamlet mezz sabiex tipprova ssib il-persuna li, skont il-vittma, ghamlilha l-punti fuq wiccha.

Illi ghalhekk meta l-Qorti thares lejn il-provi mressqa miz-zewg nahat tara li hemm kunflitt fil-provi. Konfrontata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark**

**Ciappara** fejn intqal li: *"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja*." Fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Thorn deciza** mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet li *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti evalwat dan il-kuntrast qawwi fil-provi u ma tistax tkun konvinta oltra kull dubju ragionevoli illi l-imputat verament ghamel dak li bintu qieghda tallega. Di piu` x-xhieda tal-vittma per se ma tikkonvincix lil din il-Qorti oltre kull dubju u dan ghaliex hija tallega li giet imsawwta diversi drabi pero` minkejja dan ma rrapportatx lil missierha u malli taha l-flus li riedet telqet minn Malta u qalet li tahfirlu minkejja dak kollu li qalet li ghamillha.

Illi fil-kamp kriminali huwa ben risaput li meta hemm l-icken dubju dan ghandu jmur a favur tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Amanadi Al Barhumi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**